MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2036/2000/1

**Rose Rogers**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Vernonica Rossignaud bhala kuraturi deputati *ad litem* sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Roderick Rogers**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Settembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta' Frar 1991, minn liema zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-konvenut rrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' abbandun, mohqrija, eccessi, sevizzi w ingurji gravi, b'

mod li llum iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Illi b'digriet moghti fit-13 ta' Lulju 2000, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendetni minhabba abbandun, mohqrija, eccessi, sevizzi w ingurji gravi u kif ukoll tali z-zwieg tkisser b'mod irrimdjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, l-konvenut m' ghandu ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

3. Tordna lill-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari hekk stabbilita mill-Qorti u dan taht dawk il-modalitajiet specifikati mill-istess Qorti;

4. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha tal-**artikolu 48 u 50 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta** u dan fejn applikabbli;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista tax-xhieda a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Anthony Cutajar et bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Roderick Rogers, datata 12 ta' Marzu 2001, a fol. 9, fejn eccepew:

1. Illi f'dan l-istadju huma mhux edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirriservaw li jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet

ulterjuri, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mall-assenti minnhom rappresentat.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Dr. Anthony Cutajar et bhala kuraturi deputati tal-assenti Roderick Rogers u l-lista tax-xhieda a fol. 9 tal-process.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 14 ta’ Gunju 2001, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Greta Agius bhala Assistenta Gudizzjarja.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 20 ta’ Novembru 2001, fejn il-kuratur deputat informa lil Qorti li kien ghadu ma sar xejn fil-kawza. Il-Qorti sollecatat lill-Assistenta Gudizzjarju biex tigbor il-provi.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 15 ta’ April 2002, fejn gie ordnat lil din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwament presjeduta ghall-15 ta’ Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attrici datata 22 ta’ April 2002, a fol. 13 tal-process, li premezz taghha prezentat l-affidavit taghha u ta’ Jacqueline Dimech.

Rat in-nota tal-kovenuti kuraturi, datata 23 ta’ April 2002, a fol. 24, li permezz taghha rriservaw id-dritt tal-kontro-ezami ta’ Rose Rogers u Jacqueline Dimech.

Rat in-nota tal-konvenuti kuraturi a fol. 25 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Assistenta Gudizzjarja Dr. Greta Mifsud Agius nee’ Agius, datat 9 ta’ Ottubru 2002, a fol. 31 tal-process.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Mejju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 10 ta’ Ottubru 2002, fejn il-Qorti revokat l-inkarigu ta’ Greta Mifsud Agius bhala Assistenta

Gudizzjarju u fl-istess hin appuntata bhala Perit Legali fil-kawza.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Ottubru 2002, fejn il-Qorti ordnat lil Perit Legali biex tiffissa seduta ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u li wara tali seduta l-provi attrici kollhom jigu dikjarati maghluqa. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’ terminu ta’ tlettin (30) jum.

Rat ir-rikors tal-konvenuti kuraturi deputati, datat 16 ta’ Dicembru 2002, a fol. 39 fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti biex joghgobha tordna lil Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius biex tiffissa seduta ohra li fiha jkunu jistghu jaghmlu l-kontro-ezami tal-attrici Rose Rogers.

Rat id-digriet datat 17 ta’ Dicembru 2002, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius minn fol. 42 sa fol. 44 tal-process.

Rat ir-rikors tal- Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius datat 6 ta’ Jannar 2003, a fol. 46, fejn talbet umilment lil dina l-Qorti biex joghgobha tawtorizzaha zzomm seduta ghall-provi li kien fadal fix-xahar ta’ Marzu 2003, u dan taht dawk il-provvediment li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 7 ta’ Jannar 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Marzu 2003, fejn Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur informa lil Qorti li f’ seduta wahda kien ser jaghlaq il-provi.

Rat il-verbal datat 24 ta’ Gunju 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius infurmat lil Qorti li kienet ser tipprezenta r-rapport f’ dik il-gurnata.

Rat il-verbal datat 5 ta’ Novembru 2003, fejn il- Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal- Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius minn fol. 56 sa fol. 65 tal-process.

Rat il-verbal datat 10 ta' Dicembru 2003, fejn Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur irrileva li d-dejn li baqa' kellu jinqasam b' mod ugwali bejn iz-zewg partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I. PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** tispjega li hi zzewget lill-konvenut fit-23 ta' Frar, 1991. Tispjega illi l-inkwiet fiz-zwieg taghhom beda xi sentejn wara li zzewgu. Tghid li r-ragel taghha beda jahdem ghal rasu u beda jghix hajja ta' guvni u jonfoq bl-addocc. Hija tghid li peress li zewgha ma' kienx qed jghaddilha paga, hi kellha tohrog tahdem. Imbaghad saret taf illi zewgha kien qed jiehu d-droga w anki kien beda jbiegh l-affarijiet mid-dar u ghamel hafna dejn. L-attrici tixhed kif il-konvenut telaq minn Malta ghal habta ta' Settembru, 1999 u halla hafna dejn warajh. Ghalhekk, l-attrici tghid li minhabba dan hija kellha tbiegh id-dar matrimonjali, 'Purple Rain', Triq Ghar Bettija, Dingli, ghal prezz ta' Lm18,000, li bihom hallset is-segwenti dejn:

| | |
|---|---|
| Bank of Valletta p.l.c. | Lm 15,610.20 |
| Arretrati dawl u ilma | Lm 157.79 |
| JCR | Lm 4,300 |
| Anglu Vella (Senserija) | Lm 200 |

Illi hija tghid li ttrasferit mutur tal-marka M2 lil JV Vella u qata' dejn ta' Lm2,950 filwaqt li ghaddielha s-somma ta' Lm650 li minnhom hallset:

| | |
|---|---|
| Sebastian Duca | Lm400 |

Avukat Lm150
Arretrati dawl/ilma Lm100

Illi l-attrici tkompli tixhed li hija marret tghix m'ohtha Jacqueline Dimech li selfitha Lm2,000 li ghadha ma hallsitx sa llum. Ilum fadlilha aktar dejn mal-Maltacom ta' madwar Lm200, u qed thallas Lm25 fix-xahar. Lil Jason Azzopardi ftiehmet li thallas is-somma ta' Lm3017.50 bl-imghax ta' 12% u nofs l-iehor tfittex lill-konvenut. Sa llum tghid li hallsitu Lm1,150. Hemm dejn ma' Sebastian Duca ta' Lm1,400, filwaqt li lil Azzopardi Waterproofing hallsitu s-somma ta' Lm200. Lil Paul Abela hallsitu Lm700 dejn li ma kinitx taf bihom. Tispjega wkoll illi hemm kawza pendenti l-Qorti fl-ismijiet Roderick Rogers vs Brian Mifsud fuq incident awtomobilistiku u hemm ukoll kontro-talba ghad-danni. Dwar dejn iehor, l-attrici tispjega illi hemm certu Joseph Attard li qed jippretendi li ghandu jiehu Lm4,000 ghal materjal li kien xtara. Tispjega wkoll illi kienet raddet lura *chaser* lil Rock Oil Ltd li kien kera r-ragel u l-istess socjeta qed tippretendi hlas ta' Lm800.

Illi fl-ahharnett tghid li mal–Country Wide Ltd, il-konvenut kellu jaghmlilhom *membrane*, u halla dejn maghhom ta' Lm600. Ghalhekk, l-attrici spiccat biex kellha taghmel dan il-membrane. L-attrici tikkonferma wkoll illi l-konvenut ma kienx hallas it-taxxa, l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali u l-VAT. In kontro-ezami, l-attrici tistqarr illi hi ma tafx fejn jinstab zewgha. Tikkonferma wkoll illi d-dar matrimonjali li kellha tbiegh biex thallas id-dejn kienet tifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti.

Illi **Jacqueline Dimech** li hija oht l-attrici tghid li ohtha kienet izzewget lill-konvenut ftit wara sena u dan sabiex ikun jista' jibqa' jghix hawn Malta minhabba li kien barrani. Ix-xhud tghid li hija kienet oggezzjonat ghal dan iz-zwieg ghaliex kien jidher li ma kienx tal-istess qata' tal-familja taghhom. Ix-xhud tispjega kif darba minnhom waqt il-*hen's party* t'ohtha kienu ltaqghu mal-konvenut u shabu f'Paceville meta kienu l-*batchelor's party* tieghu. Xi hadd minn shabu kien waddab bajda fuqu u haseb li kienet oht l-attrici u cioe' x-xhud u sawwatha u qabadha minn rasha u sabtilha rasha mal-hajt. Fil-fatt hi kellha tigi rikoverata l-

Isptar. L-attrici kienet talbitha sabiex ma tikxifx lir-ragel (il-konvenut) u fil-fatt lill-pulizija kienet qaltilhom illi kien waqghet. Wara dan il-glied, il-persuna li kellu joqghod xhud tal-konvenut ma qaghadx u minflok kien qaghad l-gharus tax-xhud John Dimech. Ix-xhud tispjega kif hi sal-ahhar ippruvat tikkonvinci lill-ohtha sabiex ma tizzewwigx lill-konvenut, izda ghalxejn. Pero' x-xhud tistqarr illi mbaghad ohtha bdiet tbati l-konsegwenzi. L-attrici kienet tghidilha li l-konvenut gieli gie d-dar u beda jkisser. Kien hemm ukoll darba meta sawwatha quddiemha u quddiem missierha u huha, tant li kellhom igibulu l-pulizija.

Ix-xhud tispjega illi l-konvenut kien regolarment xurban, u anki fit-tieg taghha kien siker. Oht l-attrici tghid ukoll illi Roderick kien aktar mohhu fix-xorb milli fix-xoghol, tant li l-attrici kellha tohrog tahdem. Il-konvenut ghamel xi zmien meta kien fetah ghal rasu jaghmel il-membranes izda ma kienx jahdem regolarment. Beda jaghmel hafna dejn u jixtri bl-addocc minghajr ma jghid lill-attrici, tant li spiccaw bi problemi finanzjarji kbar. Ix-xhud tistqarr ukoll illi ohtha bdiet tissuspetta li l-konvenut kien qed jiehu d-droga u darba forst ohrajn hi u ohtha kienu qed juzaw il-van tal-konvenut bin ix-xhud hareg borza droga mill-pakkett tas-sigaretti u kien ser idahhalha f'halqu. Kien hawn li l-inkwiet aktar kiber.

Illi din l-istess xhud tistqarr li l-konvenut kien qed iqatta' ljieli barra, filwaqt li hafna mill-kredituri bdew jigru wara l-attrici sabiex thallas id-dejn, sakemm sa fl-ahhar l-attrici darba rritornat lura d-dar u hemm sabet li l-konvenut kien telaq mid-dar u siefer. Ix-xhud tistqarr illi hi u zewgha kienu sellfu lil Rose u Roderick Lm2,000, li hi kellha tissellef mill-bank minhabba li l-flus taghha kienu jinstabu f'kont fiss. Sa' llum dawn il-flus ghadhom ma thallsux lura. Oht l-attrici tispjega kif l-attrici kienet hadet fuq spalleja n-negozju tal-*membrane* ta' zewgha u kienet taghmlu *part-time,* filwaqt li kienet tahdem full-time mal-Corinthia Hotel. Sadanittant, hi bdiet thallas id-djun li kellhom u sahansitra bieghet id-dar biex thallas id-dejn. Oht l-attrici tistqarr illi peress li ohtha ma kellhiex flus marret toqghod maghha.

## II. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

### 1. Responsibbilita’

Illi l-attrici qed titlob is-separazzjoni personali minhabba li zewgha rrenda ruhu hati ta’ abbandun, mohqrija, eccessi, servizzi u ngurji gravi.

Illi dwar l-abbandun, minkejja li l-attrici gabet provi li l-konvenut telaq minn Malta, u effettivament hemm kuraturi deputati f’din il-kawza odjerna sabiex jirrapprezentaw l-assenza tieghu, ippruvat biss li telaq ghal habta ta’ Settembru, 1999 u ghalhekk f’inqas mit-terminu indikat mill-ligi almenu dan ikkalkulat mad-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici

Illi fil-fatt il-kawza ta’ separazzjoni odjerna ‘nfethet f’Settembru, 2000 u cioe’ madwar sena wara li telaq il-konvenut. Madankollu l-ligi taht l-**artikolu tal-Kodici Civili** tirrikjedi illi r-responsabbilita’ ta’ abbandun tinghata biss jekk ikunu ghaddew sentejn mid-data li telaq mid-dar matrimonjali, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan il-perjodu llum ghadda fil-mori tal-kawza *stante* li l-indikazzjonijiet kollha huma li l-istess konvenut baqa’ barra minn Malta u abbanduna b’mod definittiv lill-attrici.

Illi anke rigward ir-responsabbilita’ ta’ mohqrija, eccessi, servizzi u ngurji gravi attwribwieta mill-attrici lill-konvenut bhala l-kawza tal-firda personali miz-zwieg, din il-Qorti thoss u hija fermament tal-opinjoni li l-attrici ppruvat dan specjalment minhabba t-tip ta’ hajja li kien jghix l-istess konvenut, hajja li kienet ikkaratterizzata minn xorb, swat, droga u hafna tghajjir u fuq kollox hajja fejn sar hafna tberbiq ta’ flus, li jidher mill-provi li kienet biss l-attrici li soffriet il-konsegwenzi tieghu.

Illi dan kollu wassal sabiex dan iz-zwieg jikrolla, tant li l-istess konvenut tant ghamel dejn hawn Malta u sabiex jevadi lill-kredituri tieghu huwa harab minn Malta. Ghaldaqstant, l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha kif dedotta.

**II. KOMUNJONI TA' L-AKKWISTI.**

Illi dwar il-kommunjoni tal-akkwisti, jidher mill-provi li ngabru illi hlief dejn, prattikament il-partijiet ma kellhom u minhabba f'hekk l-istess dar matrimonjali inbieghet sabiex almenu taghmel tajjeb ghal-parti mid-dejn li halla warajh il-konvenut. Fil-fatt l-attrici ma kellhiex ghazla u bieghet l-istess immobbli sabiex tibda taqta' mid-dejn li halla warajh ir-ragel. L-attrici ssemmi diversi djun ohra, hafna minnhom f'ammonti sostanzjali. L-attrici ssemmi wkoll diversi djun li ghad iridu jigu mhallsa. Mill-provi li ngabru jirrizulta li l-kredituri attwali huma:

a) Ohtha Jacqueline Dimech – Lm2,000
b) Maltacom – Lm200
c) Jason Azzopardi – Lm3,017 bl-imghax ta' 12% pero' hallset Lm1,150
d) Sebastian Duca – Lm1,400
e) Joseph Attard – Lm4,000
f) Rock Cut Ltd – Lm800
g) Kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali u VAT

Illi il-Qorti tosserva illi l-attrici, minkejja c-cirkostanzi pjuttost koroh taghha ghamlet hilitha sabiex thallas id-debiti kollha mill-ftit li setghet billi bieghet hafna mill-assi tal-komunjoni. Ghalhekk prezentament kull ma fadal huma d-debiti li semmejt qabel. Filwaqt, il-Qorti taqbel illi ghandu jkun hemm ix-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti u dan b'effett minn Settembru 1999, tordana li kull debitu nkors mill-konvenut u li ghadu ezistenti, inkluzi dawk fuq indikati ghandhom jibqghu a karigu eskluissiv tal-konvenut assenti, *stante* li l-attrici gja halset djun ferm akbar li saru mill-konvenut. L-istess japplika ghal xi forma ta' debiti li ma' gewx indikati mill-attrici fix-xhieda taghha ghaliex ma tafx bihom s'issa l-attrici.

**III. MANTENIMENT.**

Illi dwar it-tielet talba, l-attrici spjegat illi peress li zewgha ma kienx jghaddilha paga kienet marret tahdem *full-time* mal-lukanda Corinthia, u kienet ukoll hadet f'idejha n-negozju tar-ragel billi taghmel il-*"membranes"* u dan fuq bazi *part-time.* Ghalhekk apparti mill-fatt li hadd ma jaf fejn qed jghix il-konvenut, jidher li l-attrici llum tahdem. Illi ghalhekk din it-talba attrici f'dan l-istadju ma tistax tigi milqugha u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni minnha salv li jibqa' riservat favur l-attrici d-dritt ta' manteniment jekk hija ma jkollhiex introjtu u jigi ppruvat l-introjtu tal-konvenut assenti.

**IV. ARTIKOLU 48 TAL-KAP 16.**

Illi dwar ir-raba' (4) talba, il-Qorti thoss li *in vista* tac-cirkostanzi, u l-mod konsitentement hazin li l-istess konvenut assenti tratta lill-attrici u wkoll il-mod kif l-istess konvenut abbandunaha, inkluz li assogetta lill-attrici ghall-vjolenza domestika, din t-talba ghandha tigi milqugha w l-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghandu jigi applikat *in toto* fil-konfront tal-konvenut assenti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatabbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li f'dan l-**istadju tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** bis-sens hawn deciz b'dan illi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendetni minhabba abbandun, mohqrija, eccessi, sevizzi w ingurji gravi *da parte* tal-konvenut assenti fil-kofront tal-attrici u li kawza ta' l-istess agir *da parte* tal-konvenut assenti z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli proprju minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut kif premess;

2. Tilqa' din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b' effett minn

Settembru 1999, u tiddikjara li bhala assi ma' hemm xejn x'jigi likwidat u diviz *stante* li ma hemm l-ebda attiv fl-istess komunjoni tal-akkwisti, b'dan ghalhekk li kull dejn maghmul mill-konvenut assenti u li ghadu jezisti llum qed jigi assenjat esklussivament lill-konvenut assenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dan anke b'applikazzjoni tal**-artikolu 48 tal-Kap. 16** fil-konfront tal-konvenut assenti u anke peress li l-istess attrici anke mill-introjtu taghha gja kellha taghmel *fronte* ghal diversi debiti ohra inkorsi mill-konvenut, li llum gew saldati;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba sabiex tordna lill-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari hekk stabbilita' mill-Qorti u dan taht dawk il-modalitajiet specifikati mill-istess Qorti, salv li jibqa' riservat favur l-attrici d-dritt ta' manteniment jekk hija ma jkollhiex introjtu u jigi ppruvat l-introjtu tal-konvenut assenti;

4. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tal-**artikolu 48 u 50 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta;**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------